MT



Jekk jogħġbok innota li l-verżjoni bil-lingwa oriġinali ta' din il-paġna SV ġiet emendata reċentement. Il-verżjoni tal-lingwa li qed tara bħalissa attwalment qed tiġi ppreparata mit-tradutturi tagħna.

**l-Isvediż**

Swipe to change

## Tradutturi/Interpreti legali

Svezja

Din it-taqsima tgħinek issib interpretu jew traduttur awtorizzati fl-Isvezja.

**X'inhu r-reġistru Svediż tal-interpreti u t-tradutturi?**

Bażi ta' dejta Svediża tal-interpreti u tat-tradutturi awtorizzati hija proprjetà tal-Aġenzija Svediża għas-Servizzi Legali, Finanzjarji u Amministrattivi (Kammarkollegiet) u hija amministrata minnha.

Fiha lista ta' interpreti u tradutturi ċertifikati li huma awtorizzati biss biex jinterpretaw jew jittraduċu mis-Svediż jew għas-Svediż. Individwu jista' jkun awtorizzat għal għadd ta' lingwi differenti. Interpretu awtorizzat jista' wkoll ikun awtorizzat jaħdem f'qasam ta' għarfien espert partikolari bħala interpretu tal-qorti u/jew interpretu mediku.

**L-aċċess għar-reġistru Svediż tal-interpreti u tat-tradutturi huwa bla ħlas?**

Iva, l-aċċess għall-bażi ta' dejta Svediża tal-interpreti u tat-tradutturi awtorizzati huwa bla ħlas.

**Kif infittex interpretu jew traduttur awtorizzat fl-Isvezja?**

Jekk qed tfittex interpretu tista' tfittex skont il-lingwa, skont il-qasam speċjali ta' għarfien, skont il-pajjiż (län) jew skont il-kunjom. Fil-każ tat-tradutturi tista' tfittex skont il-lingwa, il-kunjom jew in-numru tat-traduttur.

L-aħħar aġġornament: 04/03/2013

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbilta jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.